KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 06/8/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 06

*L-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros - *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Steven Axisa - *Kunsillier*

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:**

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillier Axisa talab illi jkun skużat minħabba li kien inqabad fuq xogħol. Il-membri qablu li jkun skużat.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 05 ġew approvati *nem com.*

3. **Korrispondenza**

3.1. Rapport marbut maż-żjara ġewwa Brussell bħala parti mill-proġett EFFORTS. Il-Kunsilliera Arqueros infurmat lill-membri bil-kontenut tar-rapport u l-eżitu taż-żjara. Il-membri irringrazzjaw lill-Kunsilliera Arqueros tas-sehem tagħha f'din iż-żjara.

4. **Staff-Performance Bonus**

4.1. Is-Sindku qal li dwar il-ħaddiema tal-Kunsill, wieħed ma iridx jiddejjaq sabiex fejn hu tajjeb jingħad li huwa tajjeb u fejn huwa ħażin jiġi ukoll irrimarkat lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-membri iddiskutew l-operat tal-Kunsill u qablu li l-ħaddiema kollha tal-Kunsill inkluż is-Segretarju Eżekuttiv jingħataw il-massimu tal-performance bonus bħala apprezzament tal-ħidma tagħhom tul is-sena.

4.2. Il-membri iddiskutew ukoll il-fatt illi fid-dawl tal-ftehim li sar mal-skema tal-Community Workers fejn dawn jingħataw ukoll *performace* bonus, kien hemm ħaddiema tal-skema tal-RSSL li ma kienux qed jingħataw *performance* bonus. Is-Sindku wkoll irrimarka li wieħed mill-ħaddiem tal-RSSL irid jingħata bonus fid-dawl tar-responsabiltajiet addizzjonali li huwa għandu fil-Kunsill. Għaldaqstant il-membri qablu li bħal ma sar is-sena ta' qabel dan l-impjegat jingħata żieda ta' 10% fuq l-ammont li ingħata is-sena l-oħra u għaldaqstant l-ammont tal-bonus addizzjonali ikun ta' €1,452. Il-membri qablu wkoll li l-ħaddiem l-ieħor tal-iskema RSSL jingħata l-ammont ta' €250 bħala bonus.

4.3. Il-membri irringrazzjaw lill-ħaddiema tal-ħidma tagħhom tul is-sena b'mod speċjali lis-Segretarju Eżekuttiv tal-impenn tiegħu. F'dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka illi tlieta mill-ħaddiema parti mill-iskemi RSSL u tal-Community Work Scheme sejrin jilħqu l-età tal-irtirar fix-xhur li ġejjin. Il-membri iddiskutew dan u qablu li s-Segretarju Eżekuttiv jara l-possibilità li dawn il-ħaddiema jestendu l-kuntratti tagħhom mal-iskema relevanti b'sena.

## 5. Milied 2019

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi minħabba t-temp l-attività tat-13 ta' Diċembru Milied f'Casal Paola, kellha titħassar. Is-Sindku kompla li l-membri tas-Soċjeta De Paule kienu tkellmu miegħu fejn wrew ix-xewqa li l-attività tiġi posposta għall-4 ta' Jannar. Il-Kunsillier Bartolo immedjatament qal li ma jistax jifhem kif din l-attività tista' tkun tajba hekk kif ikun għadda l-Milied u l-ewwel tas-Sena. Wara diskussjoni fejn inħass nuqqas ta' qbil unanimu dwar il-posponiment tal-attività, is-Sindku talab li jittieħed vot li japprova jew le li l-attività issir fl-4 ta' Jannar, liema vot għadda b'erba' voti favur u żewġ astensjonijiet.

## 6. Komunikazzjoni mis-Sindku

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kif kulħadd jaf id-dawl tal-Milied fit-toroq kien inxtegħel u kompla li kien hemm minn għamel sforz u reġa' żied il-kwalità u kien hemm ukoll għaqdiet li għamlu sforz anqas. Il-membri iddiskutew dan u qablu li għas-sena d-dieħla trid issir diskussjoni aħjar sabiex tinstagħab l-aħjar sistema biex l-armar ikun aħjar.

6.2. Is-Sindku talab aktar appoġġ mill-membri meta huwa jitlobhom jattendu laqgħat f'ismu, bħal dawk tar-reġjun, f'każijiet li huwa ikollu impenji oħra. Kompla billi rrimarka li l-allowance għalhekk tingħata u irringrazzja lill-kunsillier Camilleri li sa issa dejjem attenda hu minfloku meta kien meħtieġ.

## 7. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.1. Il-Kunsillier Camilleri informa lill-membri illi huwa kien attenda għall-laqgħa tar-reġjun fejn issemmiet il-possibilità li jinkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-għaqdiet. Huwa kompla li għanda titwassal korrispondenza lill-kunsill kif ukoll għandu jiġi avviċinat il-Kunsill dwar dan b'aktar dettalji.

7.2. Il-Kunsilliera Rita Delezio qalgħet li hija xewqa tagħha li kull sitt xhur jiġi diskuss ix-xogħol li ikun qed isir mill-Kunsill. Is-Sindku qal li bħala Kunsilliera ilkoll iridu jagħtu rendikont tal-ħidma. Il-Kunsilliera Delezio talbet ukoll li meta tattendi għall-attivitajiet tal-Kunsill tapprezza li jkollha xogħol x'tagħmel u mhux kif ġara fil-party tal-Milied tal-Anzjani. Is-Sindku irrisponda li grazzi għall-helpers u l-ħaddiema tal-Kunsill f'din l-attività kien hemm ħafna nies jagħtu sehemhom u dan fisser li kien hemm anqas xogħol x'jitqassam. Il-Kunsillier Delezio qalgħet ukoll li kienet tkun xi ħaġa sabiħa li f'dan iż-żmien issir żjara l-ħabs. Is-Sindku qal li filwaqt japprezza l-ħsieb tagħha dan jaf ikun diffiċli minħabba sigurtà.

7.3. Il-Kunsillier Camilleri xtaq jistaqsi minn organizza l-attività tal-awtiżmu li sargħet fil-lokal. Il-Viċi Sindku irrisponda li din l-attività sargħet mill-klabb tal-Hibernians u mhux mill-Kunsill. Is-Sindku irrimarka li meta membri tal-Kunsill ikunu parti minn dawn l-attivitajiet għanda tkun ċċarata minn tassew ikun qed jorganizza.

## 8. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>

8.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 06 għas-somma ta' €57,176.15.

## 9. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>

9.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020.

9.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |